MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 879/2006

**Giovanna Mifsud (ID 501540M)**

**Vs**

**Henry D'Emanuele**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Ottubru 2006, fejn l-attrici ddikjarat illi kienet kriet il-fond 35, Misrah Gregorio Bonnici, Zejtun u fost il-kundizzjonijiet tal-kera kellu jhallas id-dawl u l-ilma; illi l-konvenut ghamel l-ahhar pagament f'Gunju, 2005 u kien ghad baqalu arrettrati ta' dawl u ilma ammontanti ghal seba` mitt liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm700.71),elf, sitt mija u tnejn u tletin Euro u tnejn u ghoxrin centemzu (€1,632.22), illi minkejja li gie interpellat li jhallas baqa' inadempjenti u ghaldaqstant l-attrici titlob illi l-konvenut jigi kkundannat li jhallas l-ammont ta' seba` mitt liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm700.71), elf, sitt mija u tnejn u tletin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,632.22).

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**risposta** tal-konvenut tas-26 ta' Ottubru 2006, li permezz taghha eccepixxa illi l-azzjoni ntavolata mill-attrici hija perenta skond l-Artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccepjenti dejjem aderixxa mal-kundizzjonijiet tal-kera. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema' x-xhieda prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra d-decizjoni in parte ta' dan it-Tribunal tad-29 ta' Marzu, 2007 u li permezz taghha it-Tribunal iddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, dik dwar il-preskrizzjoni.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni.

<u>Ikkunsidra :</u>

Illi skartata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, it-Tribunal irid issa jara jekk fil-mertu hix sostenibbli l-azzjoni attrici jew le.

Illi r-relazzjoni kontrattwali bejn il-kontendenti nibdet meta saret skrittura ta' lokazzjoni bejn Michael Mifsud u certu Paul Attard, datata 23 ta' Gunju, 1991. Konsegwentament, fl-1994, precizament fis-16 ta' Mejju, b'dikjarazzjoni maghmula quddiem Dr Philip Sciberras, illum Onorevoli Imhallef, l-attrici tat il-kunsens taghha sabiex dan Attard iwelli l-fond li kien lilu mikri, filwaqt illi l-konvenut ddikjara illi kien qed jaccetta l-kera bil-kundizzjonijiet kollha fl-iskrittura tat-23 ta' Gunju 1991.

Illi klawsola 9 tal-ftehim msemmi tghid espressament illi il-kera u l-konsum tas-servizzi tad-dawl u ilma u servizzi ohra jkunu a karigu tal-kerrej.

Illi l-konvenut ighid illi l-post dam maghluq mis-sena 1996 jew 1997, izda s-servizzi tad-dawl u ilma ma qataghhomx. Ikkonferma ukoll illi f'dan il-perjodu c-cavetta kienet

ghadha ghandu u kkonsenja c-cavetta lura lis-sidien bejn Ottubru 2006 u Frar 2007, anke jekk ma kienx jutilizza l-fond.

L-**attrici** tghid fl-affidavit taghha illi wara li hadu lura l-pussess tal-fond, kienet ivverfikat mal-WSC jekk kienx hemm kontijiet b'lura u sabet illi kien hemm u di fatti il-provvista tad-dawl u ilma kienet giet maqtugha mill-WSC. Tghid illi kellha thallas sittin lira Maltin (Lm60), mija u disgha u tletin Euro u sitta u sebghin centezmu (€139.76), sabiex regghet hadet il-provvista. Tghid ukoll illi hallset disa' mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmien centezmi (Lm926.08), elfejn, mija u sebgha u hamsin Euro u dsatax-il centezmu (€2,157.19), f'arrettrati u kien fadal bilanc ta' madwar mitejnu ghaxar liri Maltin u sebghin centezmu (Lm210.70), erba' mija u disghin Euro u tmenin centezmu (€490.80). L-attrici tghid illi anke Paul Attard, l-ewwel inkwilin, kien halla xi arrettrati x'jithallsu.

Illi bint l-attrici, Mary Rose Buttigieg, ipprezentat prospett (a fol 29) li juri l-hlasijiet minnha maghmula u esebiet kopja tac-cekkijiet li bihom sar il-hlas. L-attrici tispjega illi hallset it-tifla taghha ghan-nom taghha peress illi hija ma ghandiex *cheque book*.
L-attrici tispjega kif anke appuntament filghaxija ghamlet mal-WSC sabiex imur il-konvenut, pero` baqa qatt ma mar sabiex jiffirma u jaqleb il-*meters*. Tikkonferma ukoll illi l-ammont hawnhekk riklamat huwa mahdum mill-EneMalta u jkopri l-perjodu 1994 sad-data tal-konsenja tac-cavetta lura lilha. Tghid pero`, illi hija hallset b'kollox disa' mija u sitta u ghoxrin liri Maltin (Lm926), elfejn, mija u sebgha u hamsin Euro (€2,157.00) u dawn jinkludu ukoll l-perjodu u dawk dovuti minn Paul Attard, u anke dan Attard kien ghadu ma hallasx s-sehem tieghu.

Illi permezz ta' affidavit, il-**konvenut** ighid illi zamm il-hanut ghal madwar erba' (4) snin minn meta hadu, ossia mill-1994. Jghid illi mill-2005 kien beda jislef il-hanut lil habib tieghu ghall-granet tal-festa biss, sabiex dan il-habib tieghu jahzen xi kaxxi tal-luminata.

Jghid illi fl-1994, granet wara li ha l-ahnut, kien mar *meter reader* jaqra l-arlogg u wara mar ma' Paul Attard jaqleb il-*meter* fuqu. Jghid illi provvista ta' ilma ma kienx hemm u ighid ukoll illi ma jiftakarx jekk Attard kienx hallas l-arrettrati ma' l-EneMalta.

Jghid illi fl-1996 kien ircieva avviz li kien ser jinqata` d-dawl ghax kien hemm pendenzi – meta huwa ma kien qatt rcieva kont. Sussegwentament ma baqax jopera mill-hanut u qatt aktar ma ghamel uzu mill-elettriku fil-fond.

Jghid ukoll illi xi girien kienu qalulu illi inqata` s-servizz tad-dawl meta saru xi xogholijiet pubblici fil-pjazza.

**Joseph Caruana**, in rapprezentanza tal-WSC, ighid illi s-servizz fil-fond lilu indikat u mertu ta' din il-kawza kien registrat f'isem Paul Attard u l-kontijiet kienu qed jintbaghtu f'indirizz fiz-Zejtun, proprjeta` ta' Paul Attard. Jghid illi fuq il-kont relattiv ghall-fond *de quo*, hemm pendenza ta' mija u tlett liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm103.51), mitejn u wiehed u erbghin Euro u hdax-il centezmu (€241.11). Jghid illi l-kont illum isejjah lill-attrici u l-*account* inqaleb fuqha fl-1 ta' Novembru 2006. Jghid illi jirrizultalu li s-servizz kien sospiz fis-sena 2001.

Jispjega illi meta l-kont kien fuq Paul Attard, gieli kien hemm cekkijiet tieghu li ma ssarfux. Jghid illi mir-*records* tieghu ma jirrizultax il-konsum bejn l-1991 u l-1994.

Jispjega illi l-attrici ghamlet seba' (7) pagamenti ta' mija u seba' liri Maltin u dstaax-il centezmu (Lm107.19), mitejn u disgha u erbghin Euro u disgha u sittin centezmu (€249.69), –il wiehed u dan peress illi xtaqet li tiehu lura s-servizz. Jikkonferma illi hija hallset il-pendenzi kollha fuq il-kont relattiv.

<u>Ikkunsidra ulterjorment</u> :

Illi jirrizulta illi l-attrici hallset lill-EneMalta b'kollox 'l fuq minn disa' mija u sittin liri Maltin (Lm960), elfejn, mitejn u sitta u tletin Euro u ghoxrin centezmu (€2,236.20), filwaqt illi qed tfittex lill-konvenut ghas-somma ta' seba' mitt lira

Maltin u wiehed u sebghin centezmi (Lm700.71), elf, sitt mija u tnejn u tletin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,632.22). It-Tribunal ghalhekk isib kredibbli l-verzjoni ta' l-attrici illi s-sehem ta' Paul Attard ma nkluditux fis-somma li qed titlob mill-konvenut.
Skarata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, it-Tribunal jinnota illi t-tieni eccezzjoni hija illi l-konvenut dejjem agixxa mal-kundizzjonijiet tal-kera.

In kwantu jirrizulta illi l-konvenut kien obbliga thallas ghall-kera u konsum tal-*meters* tad-dawl u ilma, u in kwantu ukoll illi jirrizulta illi l-konvenut qatt ma hallas ghad-dawl u ilma, anke peress illi qatt ma rcieva kontijiet – imma din mhix skuzanti – allura t-Tribunal isib konfort jiddeciedi a favur it-talba attrici.

L-obbligu tal-konvenut kien spellut car fil-ftehim tat-23 ta' Gunju, 1991 – kellu jhallas hu il-kera u l-konsum. Fl-affidavit tieghu huwa ighid illi qatt ma kien hallas kont, sakemm sentejn wara li kien qed jopera, ircieva kont li mar bih l-WSC. Jghid illi wara disa` (9) xhur ma baqax jopera l-hanut, anke jekk zamm il-pussess tieghu. Il-konvenut imkien ma ighid u mill-provi mkien ma jirrizulta illi l-konvenut ghamel xi hlas ta' kontijiet ta' dawl u ilma kemm dan dam fil-pussess tal-fond lilu mikri.

F'dan il-kuntest ghalhekk, ma jistghax jinghad illi illi l-konvenut onora l-obbligi kollha tieghu kif naxxenti mill-ftehim ta' kera. Ma jirrizultax illi onora il-klawsola numru 9 dwar il-hlasijiet tad-dawl u ilma.

Ghaldaqstant, tenut kont dawn il-konsiderazzjonijiet, u wara illi ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti mill-partijiet, it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf, sitt mija u tnejn u tletin Euro u hamsa u tletin centezmu (€1,632.35) ghar-ragunijiet mitluba fl-Avviz.
Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut u bl-imghax mill-llum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------